**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' April 2022**

**<u>Rikors nru : 5/2022 AGV fl-ismijiet;</u>**

**BGC**

**Vs**

**SG**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 10 ta' Jannar 2022**

**Tesponi bir-rispett ;**

1. Illi dan hu rikors ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema rikorrenti qed titlob bir-rispett lil din Onoorbbli Qorit,

sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, li tezisti bejn il-partijiet.

2. Illi dit-talba tista' ssir minn kull parti u f' kull zmien tul is-smiegh tal-kawza u dan skont ma jipprovdi l-artikolu 55 (1) tal-Kap. 16.

Illi ma hemm xejn li ghandu jwaqqaf lil dil-Onorabbli Qoriti, milli tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet f' dal -istadju.

Illi hadd mil-partijiet ma huwa ser ibati ebda pregdizzju u dana peress li l-partijiet llum jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

Ghaldaqnstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil dil-Onorabbli Qorti sabiex ;

a. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-mizzewgign u dana permezz ta' sentenza ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
b. Tordna li dis-sentenza tigi notifkata lid-Direttur Registru Pubbliku ai termini tal-Art. 55(5) u li dil-ordni ghandha jkollha effett li waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti saret b' att pubbliku ai termini tal-Artikolu 55(5).

Il-Qorti;

Rat li l-intimat ma pprezentax risposta entro terminu.

Rat illi, ghalhekk, ma hemm ebda oggezzjoni ghat-talba tar-rikorrenti.

U ghalhekk il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza in parte,fuq l-komunjoni tal-akkwisti.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
1. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti, b'dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza.

L-ispejjes ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef**
**Onor. Anthony G Vella**

**Deputat Registratur**
Cettina Gauci